## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA, SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. CARMEL BONNETT (KI. 164757M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27/02/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | |
|---|---|
| **Lil Carmel Bonnett** | **Bin Joseph u Giovanna nee' Attard mwieled fid-19/02/1957 Birgu u joqghod 40, Triq il-Profs. Anton Tabone, Birzebugia ID: 164757(M)** |

**BILLI inti akkuzat/a** talli fit-12/10/2021 ghall-habta ta' 14:45 hrs, gewwa Triq Hal-Tarxien, Zejtun soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBN 049;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan **Sec 15(1)(a)(3), Chap. 65**

2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 2138 Alexia Muscat, Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta (*affidavit*) u tal-imputat innifsu.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **<u>PS 2138 A. Muscat</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-imputat kien qed isuq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HBN-409 fejn kien involut f'inċident tat-traffiku.

2. Mill-affidavit ta' **<u>Stephen Cachia</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta rriżulta fost affarijiet oħra illi fid-data in kwistjoni l-liċenzja tas-sewqan tal-imputat kienet skaduta (skadiet fid-19 ta' Frar 2020) u li sussegwentement din iġġeddet fit-22 ta' Ottubru 2021.

3. L-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata.

4. It-tieni imputazzjoni (dik dwar l-assigurazzjoni) hija preskritta bit-trapass taż-żmien.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni stante illi hija preskritta, wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' ħames mitt euro (€ 500). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tmient ijiem.**

**V.G. Axiak** — **Maġistrat**

**Y.M. Pace** — **Dep. Reġistratur**